REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 17/2012

tal-11 ta' Jannar 2012

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000 fir-rigward tal-estensjoni tal-kwoti ta' tariffi tal-Unjoni għal prodotti magħmulin mill-ġuta u mill-fibra tal-ġewż tal-Indi

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti ta' tariffi Komunitarji marbutin fil-GATT u ċerti kwoti ta' tariffi Komunitarji oħra u li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-aġġustament tal-kwoti, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1808/95 ([1]), u b'mod partikolari t-tieni inċiż tal-Artikolu 9(1)(b) tiegħu,

Billi:

(1) B'konformità mal-offerta li għamlet fi ħdan il-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (Unctad) u flimkien mal-iskema tagħha ta' preferenzi ġeneralizzati (GSP), fl-1971 il-Komunità introduċiet preferenzi ta' tariffi għal prodotti magħmulin mill-ġuta u mill-fibra tal-ġewż tal-Indi li joriġinaw f'ċerti pajjiżi li għadhom qegħdin jiżviluppaw. Dawn il-preferenzi ħadu l-għamla ta' tnaqqis gradwali tad-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni u, mill-1978 sal-31 ta' Diċembru 1994, ta' sospensjoni sħiħa ta' dawn id-dazji.

(2) Minn mindu daħlet fis-seħħ l-iskema GSP fl-1995, il-Komunità fetħet, flimkien mal-GATT, kwoti ta' tariffi Komunitarji awtonomi b'dazju żero għall-kwantitajiet speċifiċi ta' prodotti magħmulin mill-ġuta u mill-fibra tal-ġewż tal-Indi. Il-kwoti ta' tariffi li nfetħu għal dawk il-prodotti skont ir-Regolament (KE) Nru 32/2000 ġew estiżi sal-31 ta' Diċembru 2011 mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 204/2009 ([2]).

(3) Hekk kif l-iskema GSP ġiet estiża sal-31 ta' Diċembru 2013 permezz tar-Regolament (UE) Nru 512/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2011 ([3]), l-arranġament tal-kwota ta' tariffi għal prodotti magħmulin mill-ġuta u mill-fibra tal-ġewż tal-Indi għandu jkun estiż ukoll sal-31 ta' Diċembru 2013.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 32/2000 għandu għaldaqstant jiġi emendat kif xieraq.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għan-numri tal-ordni 09.0107, 09.0109 u 09.0111, fil-ħames kolonna ("Perjodu ta' kwota") tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 32/2000, il-kliem "mill-1.1.2009 sal-31.12.2009", "mill-1.1.2010 sal-31.12.2010" u "mill-1.1.2011 sal-31.12.2011" huma sostitwiti bil-kliem "mill-1.1.2012 sal-31.12.2012" u "mill-1.1.2013 sal-31.12.2013".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Jannar 2012.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 5, 8.1.2000, p. 1.
([2]) ĠU L 71, 17.3.2009, p. 13.
([3]) ĠU L 145, 31.5.2011, p. 28.